Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15648/25

LIMITE

ANTIDISCRIM 111
COCON 70
COHOM 170
COPEN 355
DROIPEN 142
EDUC 458
FREMP 343
JAI 1723
MIGR 435
SOC 789

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0366(NLE)**

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fid-19-il laqgħa tiegħu, b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet indirizzati lil ċerti Partijiet dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulment |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' …**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fid-19-il laqgħa tiegħu, b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet indirizzati lil ċerti Partijiet dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulment**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 84, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075[1] fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076[2] fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, sa fejn dawn il-materji jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023.

(2) Skont l-Artikolu 66(1) tal-Konvenzjoni, il-Grupp ta' Esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("GREVIO") għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-"Partijiet"). F'konformità mal-Artikolu 68(11) tal-Konvenzjoni, GREVIO għandu jadotta r-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-miżuri li ttieħdu mill-Parti kkonċernata biex timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1,ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj).



PUBLIC

(3) Il-Kumitat tal-Partijiet (il-"Kumitat") jista' jadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Parti kkonċernata, f'konformità mal-Artikolu 68(12) tal-Konvenzjoni, abbażi tar-rapport u l-konklużjonijiet ta' GREVIO. Tali rakkomandazzjonijiet għandhom jagħmlu distinzjoni bejn il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-aktar fis possibbli, b'rekwiżit li tirrapporta lill-Kumitat fi żmien tliet snin, u miżuri li, filwaqt li huwa importanti, ma għandhomx l-istess livell ta' immedjatezza. Fi tmiem il-perjodu tat-tliet snin, il-Parti kkonċernata għandha tirrapporta lill-Kumitat dwar il-miżuri li ttieħdu, fl-10 oqsma speċifiċi tal-Konvenzjoni. Abbażi ta' dak ir-rapport, u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, il-Kumitat għandu jadotta konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet, imħejjija mis-segretarjat tal-Kumitat.

(4) Skont l-Artikolu 68(3) tal-Konvenzjoni, il-proċeduri ta' evalwazzjoni wara l-evalwazzjoni bażi inizjali ta' GREVIO għandhom jinqasmu f'ċikli (iċ- "ċikli ta' evalwazzjoni tematika"). L-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tematika jismu "Nibnu l-Fiduċja permezz tal-Appoġġ, il-Protezzjoni u l-Ġustizzja" u jindirizza 20 artikolu tal-Konvenzjoni, jiġifieri l-Artikoli 3, 7, 8, 11, 12, 14, 15, 16, 18, 20, 22, 25, 31, 48, 49, 50, 51, 52, 53 u 56. Fis-17-il laqgħa tagħha, fis-17 Diċembru 2024, il-Kumitat adotta deċiżjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat fid-dawl tar-rapporti tal-GREVIO adottati bħala parti mill-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tematika li tinsab fid-dokument IC-CP (2024) 10 rev.

PUBLIC

(5) Il-Kumitat, matul id-19-il laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2025, huwa mistenni jadotta l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li ġejjin (waħda bbażata fuq iċ-ċiklu ta' evalwazzjoni tax-xenarju ta' referenza u sebgħa bbażati fuq l-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tematika) u l-abbozzi ta' konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni minn disa' mill-Partijiet (rispettivament, l-"abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet" u l-"abbozzi ta' konklużjonijiet", u b'mod konġunt l-"atti previsti"):

– ir-Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mir-Renju Unit, li tinsab fid-dokument IC-CP(2025)22prov;

– ir-Rakkomandazzjonijiet lil Andorra biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)23prov;

– ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Belġju biex jibni l-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)24revprov;

– ir-Rakkomandazzjonijiet lil Franza biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)25prov;

– ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Italja biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)26prov;

PUBLIC

– ir-Rakkomandazzjonijiet lin-Netherlands biex jibnu l-fiduċja billi jagħtu appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)27prov;

– ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Portugall biex jibni l-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)28prov;

– ir-Rakkomandazzjonijiet lis-Serbja biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)29prov; kif ukoll

– il-Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Polonja adottati mill-Kumitat tal-Partijiet, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)30prov.

PUBLIC

(6) L-atti previsti jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, bħal kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. L-atti previsti jikkonċernaw ukoll l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li huma relatati mal-ażil u man-non-refoulement. Dawk il-kwistjonijiet huma koperti mill-*acquis* tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE[3], id-Direttivi 2012/29/UE[4], (UE) 2024/1346[5] u (UE) 2024/1385[6] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. L-atti previsti se jkollhom effetti legali, peress li huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni fis-sens li jistgħu jaffettwaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni fil-futur. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement.

PUBLIC

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/86/oj).

[4] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj).

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

[6] Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

(7) Jenħtieġ li wieħed jinnota li l-abbozzi ta’ rakkomandazzjonijiet relatati ma’ ċerti artikoli tal-Konvenzjoni mhumiex koperti għalkollox mill-kompetenza tal-Unjoni. Fir-rigward ta’ dawk l-artikoli, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri, sabiex, pereżempju: fir-rigward tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni interni tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom; fir-rigward tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-Artikoli 11 u 20 tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni u l-għoti ta’ servizzi tal-kura tas-saħħa u kura medika; fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-Artikolu 14, tal-Konvenzjoni jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fil-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi; u fir-rigward tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-liġi tal-familja.

PUBLIC

(8) Fir-rigward tar-Renju Unit, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni jinkludi l-ħtieġa li: jarmonizza d-definizzjonijiet legali eżistenti f'konformità mal-Konvenzjoni (l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni); jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jiġu implimentati mingħajr diskriminazzjoni u jintegraw il-perspettivi u l-ħtiġijiet tan-nisa esposti għal diskriminazzjoni intersezzjonali fil-politiki (l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni); jiżgura riżorsi finanzjarji xierqa u sostenibbli għall-politiki kollha mmirati lejn il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u finanzjament sostenibbli għall-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); isaħħaħ ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għalihom (l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni); jgħammar lill-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni bil-mandat u l-kompetenza meħtieġa u jiżgura l-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u jiżgura l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni indipendenti tagħhom, appoġġati minn data rilevanti (l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni); jarmonizza s-sistemi tal-ġbir tad-data u jiżgura l-ġbir sistematiku ta' data diżaggregata dwar il-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); jiżgura taħriġ għall-professjonisti rilevanti dwar kif iwieġbu b'mod adegwat għall-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); ineħħi l-ostakli għall-aċċess għal servizzi ta' appoġġ ġenerali (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); joffri servizzi ta' appoġġ speċjalizzat b'persunal u riżorsi adegwati lill-vittmi kollha, u jżid l-għadd u l-kapaċità ta' postijiet ta' kenn għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (l-Artikolu 22 u 23 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-vjolenza kontra minuri tista' titqies bħala ċirkostanza aggravata irrispettivament mir-relazzjoni tal-awtur tar-reat mal-minuri (l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni); inaqqas il-vittimizzazzjoni sekondarja billi jiżgura li l-persuni li jinvestigaw u jmexxu l-prosekuzzjoni ta' atti ta' vjolenza kontra n-nisa jkollhom għarfien espert adegwat f'dawk il-kwistjonijiet u jaċċerta li l-każijiet jiġu ttrattati b'mod effiċjenti mingħajr dewmien (l-Artikolu 50 tal-Konvenzjoni); jiżgura l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza fejn meħtieġ (l-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni); u jaċċerta aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u sikura għan-nisa u l-bniet kollha matul il-proċedura tal-ażil u standards sensittivi għall-ġeneru fil-faċilitajiet ta' akkoljenza (l-Artikolu 60 tal-Konvenzjoni). Peress li dak l-abbozz ta' rakkomandazzjoni huwa konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulment, u ma jqajjem l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(9) Fir-rigward tal-Andorra, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: tiżviluppa strateġija komprensiva fit-tul għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni; tiżgura li l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa jkunu involuti bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika u li tivvaluta dawk il-politiki regolarment abbażi ta' indikaturi dettaljati (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) tad-drittijiet tan-nisa jingħataw biżżejjed sussidji u żmien biex iwettqu l-attivitajiet fdati f'idejhom (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tkompli testendi l-ġbir ta' data diżaggregata dwar il-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni u tiżgura li jkollha disponibbli data sħiħa dwar id-deċiżjonijiet ġudizzjarji relatati mal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); testendi l-kampanji ta' prevenzjoni għall-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); tiżgura riżorsi umani suffiċjenti u kwalifiki adegwati ta' ħidma professjonali fuq programmi għall-awturi tar-reati, tfassal standards minimi u tintroduċi programm speċifiku għall-awturi ta' vjolenza sesswali (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); tiżgura li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-vittmi u li n-nisa migranti, in-nisa rifuġjati u n-nisa li jfittxu l-ażil ikollhom aċċess sħiħ għal dawk is-servizzi (l-Artikoli 22 u 60 tal-Konvenzjoni); tistabbilixxi sforzi biex ittejjeb l-operazzjonijiet tal-pulizija billi tqis il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni u żżid l-għarfien tal-professjonisti kkonċernati (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tieħu miżuri biex jiggarantixxu li l-partijiet ikkonċernati kollha jagħmlu valutazzjonijiet tar-riskju tas-suriet kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni u ttennihom regolarment (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza jkunu jistgħu jinħarġu mingħajr dewmien meta jkun hemm periklu immedjat u tistabbilixxi qafas legali ċar li jiggarantixxi l-ġestjoni xierqa tal-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza (l-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni); u tiżgura li l-vittmi tas-suriet kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ordnijiet ta' protezzjoni u li l-ksur jiġi kkastigat (l-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulment, u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(10) Fir-rigward tal-Belġju, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: jiżgura konsistenza akbar tal-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa bejn il-livelli differenti ta' awtoritajiet fil-pajjiż (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); jiżgura li d-data li tinġabar tkun diżaggregata u jarmonizza l-ġbir tad-data (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); jiżgura li tagħti għarfien dwar il-kunċett ta' kunsens mogħti liberament fir-relazzjonijiet sesswali (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); jintroduċi taħriġ inizjali u fis-servizz għall-livelli kollha ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa rilevanti kollha, u jadotta u jifrex standards ta' kwalità għall-korsijiet ta' taħriġ (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); iżid l-appoġġ għall-irkupru u l-indipendenza ekonomika tal-vittmi nisa tal-vjolenza permezz ta' miżuri rilevanti u jimplimenta perkorsi ta' kura standardizzati fis-settur tal-kura tas-saħħa biex jiżgura l-identifikazzjoni tal-vittmi u li jiġu riferiti lejn servizzi ta' appoġġ speċjalizzat xierqa (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); iżid l-għadd u l-kapaċità ta' postijiet ta' kenn għan-nisa biss u jiżgura li t-tariffi ma jkunux ostaklu fl-aċċess għall-postijiet ta' kenn, u joħloq linja telefonika għall-għajnuna għall-istat kollu li sservi bħala punt uniku ta' kuntatt għall-vittmi kollha (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-faċilitajiet ta' żjarat sorveljati jipprevedu s-sikurezza tat-tfal u ta' ommijiethom u jevita vittimizzazzjoni sekondarja (l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-prosekuzzjoni tipprijoritizza dawk il-każijiet u tapplika fehim tal-vjolenza kontra n-nisa bbażat fuq il-ġeneru u ffukat fuq il-vittmi, jiżgura li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji effettivi biex jiġi evitat l-użu mhux xieraq tal-medjazzjoni u jieħu miżuri biex jiġu evitati disparitajiet fir-rispons ġudizzjarju għall-każijiet kollha ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); ineħħi l-ostakli għall-użu ta' ordnijiet ta' inibizzjoni, protezzjoni u trażżin ta' emerġenza, jiżgura li tali ordnijiet ikunu disponibbli u aċċessibbli għall-vittmi kollha u li jkunu jistgħu jiġu applikati indipendentement minn proċeduri oħra (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni); jevalwa l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni eżistenti u jiżgura li l-miżuri kollha fis-seħħ jiġu implimentati fil-prattika għall-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ma jqajmu ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(11) Fir-rigward ta' Franza, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: tiżviluppa strateġija globali fit-tul għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni, tiżgura li jiġu allokati riżorsi adegwati lill-korp li jikkoordina l-politiki għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; tiżgura li l-assoċjazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa jkunu involuti bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika u tivvaluta dawk il-politiki regolarment abbażi ta' indikaturi predefiniti (l-Artikoli 3 u 7 tal-Konvenzjoni); tissokta bl-isforzi biex tiżgura finanzjament adegwat għall-politiki għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u taċċerta ruħha li l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa jkollhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti u stabbli biex iwettqu xogħolhom (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tiżgura li d-data li tinġabar mis-servizzi ġudizzjarji tkun diżaggregata (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); ittejjeb l-isforzi u tivvaluta l-impatt tal-miżuri tal-prevenzjoni primarja (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-professjonisti kollha f'kuntatt mal-vittmi u l-awturi jirċievu taħriġ rigward il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u li tali taħriġ jiġi vvalutat (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tadotta u timplimenta standards minimi għall-programmi għall-awturi tal-vjolenza u tivvaluta l-impatt tagħhom (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); tiżgura li jinħolqu korpi ta' koordinazzjoni madwar il-pajjiż kollu u li l-faċilitajiet il-ġodda ta' punt uniku ta' servizz li jinħolqu biex jagħtu appoġġ għall-vittmi nisa jinvolvu l-korpi kollha kkonċernati (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); tiżgura li n-nisa vittmi kollha tal-vjolenza jkollhom aċċess għal eżami forensiku u l-possibbiltà li tinżamm evidenza u tieħu aktar miżuri biex tipprevjeni u tiġġieled il-vjolenza kontra n-nisa b'diżabilità (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); tiżgura d-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat fil-pajjiż kollu, inkluż li n-nisa vittmi ta' vjolenza u t-tfal tagħhom jirrisjedu f'postijiet ta' kenn, u tiżgura li tali servizzi jirrispondu għad-dimensjoni diġitali tal-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni);

PUBLIC

tipprovdi kura medika, appoġġ għat-trawma, eżamijiet forensiċi u assistenza psikoloġika lill-vittmi ta' vjolenza sesswali (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); tiżgura s-sikurezza tal-vittmi u tat-tfal tagħhom huma u jiddeċiedu dwar id-drittijiet ta' kustodja u ta' aċċess billi jwessgħu l-applikazzjoni ta' miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-qrati ċivili u kriminali u tiżguraw li jkun hemm biżżejjed faċilitajiet għal aċċess taħt superviżjoni (l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni); issaħħaħ il-miżuri li tieħu biex tinkoraġġixxi lin-nisa vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni jirrapportaw tali vjolenza u jiżgura servizzi ta' akkoljenza u ta' appoġġ xierqa; tieħu miżuri biex tiżgura li aktar każijiet ta' vjolenza sesswali jaslu fl-istadju tal-prosekuzzjoni u tkompli bl-isforzi biex tiżgura li rispons ġudizzjarju xieraq għall-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-valutazzjonijiet tar-riskju jsiru b'mod sistematiku f'każijiet ta' vjolenza domestika (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); tuża aktar l-ordnijiet ta' protezzjoni u tiżgura li l-ksur jiġi kkastigat (l-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni); u tillimita l-vittimizzazzjoni sekondarja li n-nisa vittmi ta' vjolenza jistgħu jiġu esposti għaliha matul il-proċedimenti (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ma jqajmu ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(12) Fir-rigward tal-Italja, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: tintroduċi definizzjonijiet ta' vjolenza domestika u vjolenza kontra n-nisa konformi mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni biex jiġi żgurat li dawk il-kunċetti jintużaw bl-istess mod (l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni), tiżgura li l-pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar il-vjolenza kontra n-nisa jindirizza l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u jingħata skeda ta' żmien, riżorsi finanzjarji u indikaturi li jkejlu l-progress; tiżgura konsultazzjoni effettiva mas-soċjetà ċivili u tikkoordina aħjar l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); tiżgura finanzjament sostenibbli u fit-tul għall-politiki u l-miżuri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, u toffri postijiet ta' kenn iffinanzjati tajjeb u b'mod sostenibbli (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jiġbru u jiddiżaggregaw id-data u tarmonizza l-ġbir ta' data (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tiżgura li toffri għarfien dwar il-kunċett ta' kunsens mogħti liberament fir-relazzjonijiet sesswali (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); tintroduċi taħriġ inizjali u fis-servizz għall-professjonisti rilevanti kollha dwar il-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); iżżid l-għadd u l-kapaċità tal-postijiet ta' kenn f'distribuzzjoni ġeografika adegwata u tiżgura akkomodazzjoni għall-vittmi kollha, tiżgura li l-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili jkollhom aċċess għall-appoġġ ta' helpline, u tiżgura li l-konsulenza psikoloġika lit-tfal esposti għall-vjolenza domestika jew għal forom oħra ta' vjolenza kontra n-nisa ma tkunx soġġetta għall-approvazzjoni taż-żewġ ġenituri (l-Artikoli 22, 23, 24 u 26 tal-Konvenzjoni); tagħti bini sikur għal żjarat taħt superviżjoni bl-appoġġ ta' professjonisti mħarrġa fil-vjolenza domestika (l-Artikolu 31);

PUBLIC

tiżgura li s-servizzi ta' ġustizzja restorattiva f'każijiet ta' reati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jintużaw b'kawtela, u jkunu bbażati fuq il-kunsens liberu u infurmat tal-vittma (l-Artikolu 48 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jirreaġixxu b'mod xieraq u f'waqtu fir-rigward ta' rapporti relatati mal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, u jagħmlu investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi f'każijiet bħal dawn (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tiżgura valutazzjonijiet sistematiċi tar-riskju għall-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa bbażati fuq manwali u linji gwida u jindirizzaw il-ħtieġa li t-tfal u r-riskji individwali tagħhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); u tiżgura li l-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza jinħarġu fil-prattika meta jkun meħtieġ, jimmonitorjaw l-ordnijiet u jirreaġixxu f'każijiet ta' ksur u jinkludu lit-tfal fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' inibizzjoni u ta' trażżin ta' emerġenza (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ma jqajmu ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(13) Fir-rigward tan-Netherlands, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: jiżguraw li d-definizzjonijiet fid-dokumenti ta' politika jirriflettu l-fatt li l-vjolenza domestika taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat u jallinjaw id-definizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni mal-Artikolu 3b tal-Konvenzjoni (l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni); jiżguraw li l-politiki u l-miżuri meħuda fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika jkunu kkoordinati u li jkopru l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa koperti mill-Konvenzjoni, jassenjaw ir-rwol ta' korp ta' koordinazzjoni lil entitajiet istituzzjonalizzati bis-sħiħ b'mandati ċari, kompetenzi u riżorsi meħtieġa, u jiżguraw l-involviment NGOs fit-tfassil tal-politika (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); jintroduċu finanzjament xieraq u sostenibbli għall-politiki u l-miżuri dwar il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u jiżguraw finanzjament xieraq u sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); jadattaw il-kategoriji tad-data għall-użu mis-settur tal-ġustizzja u mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u jaċċertaw id-diżaggregazzjoni (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); iżidu t-taħriġ tal-professjonisti kollha li jittrattaw il-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa dwar il-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni filwaqt li jużaw l-għarfien espert tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); iżidu l-isforzi biex jiżdiedu l-għadd u l-kapaċità ta' postijiet ta' kenn u l-kapaċità tagħhom li jaqdu l-ħtiġijiet tan-nisa soġġetti għal diskriminazzjoni intersezzjonali (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); jiżguraw investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni u jieħdu miżuri biex jinkoraġġixxu lill-vittmi nisa jirrapportaw, inklużi n-nisa f'riskju ta' diskriminazzjoni intersezzjonali (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); jieħdu miżuri biex jiżguraw li jsiru valutazzjonijiet tar-riskju sensittivi għall-ġeneru f'każijiet ta' vjolenza domestika u forom oħra ta' vjolenza kontra n-nisa bħala parti minn rispons b'diversi aġenziji (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); u jirrieżaminaw u jespandu s-sistema ta' ordnijiet ta' trażżin u ta' projbizzjoni ta' emerġenza f'konformità mal-Konvenzjoni, biex jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu joħorġu tali ordnijiet minnufih f'każijiet ta' periklu imminenti (l-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ma jqajmu ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.



PUBLIC

(14) Fir-rigward tal-Portugall, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: jiżgura riżorsi finanzjarji xierqa għall-implimentazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, u finanzjament sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); jiżguraw taħriġ inizjali u fis-servizz għall-membri tal-ġudikatura dwar il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni u jiżguraw li l-professjonisti rilevanti kollha jirċievu taħriġ kontinwu rigward il-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); jiżguraw li l-programmi għall-awturi ta' vjolenza domestika u sesswali jkunu disponibbli biżżejjed u jadottaw standards minimi li jiġu evalwati (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); jiżviluppaw rispons b'diversi aġenziji għall-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); jistabbilixxu helpline għan-nisa vittmi ta' forom differenti ta' vjolenza, iżidu l-għadd u l-kapaċità ta' postijiet ta' kenn għan-nisa biss għall-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat u jneħħu r-rekwiżit li n-nisa vittmi jirrapportaw reat sabiex jiksbu aċċess għal post ta' kenn (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); jagħtu prijorità lis-sikurezza u r-rispett tad-drittijiet tal-vittmi nisa u tat-tfal tagħhom fl-implimentazzjoni tal-aċċess taħt superviżjoni (l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni); jiżguraw li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi iwieġbu b'mod mgħaġġel u sensittiv għall-ġeneru fil-każijiet kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż fid-dimensjoni diġitali tagħhom; jiżguraw li l-każijiet jiġu investigati b'mod effettiv (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); jallinjaw is-sistema ta' ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza u s-sistema ta' ordnijiet ta' protezzjoni u trażżin mal-Konvenzjoni; u jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni u d-durata tal-ordnijiet ta' protezzjoni jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ, li l-monitoraġġ tal-ordnijiet ta' protezzjoni jissaħħaħ u li l-ksur ta' tali ordnijiet ikun soġġett għal sanzjonijiet dissważivi (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta'rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ma jqajmu ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(15) Fir-rigward tas-Serbja, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: tarmonizza d-definizzjoni tal-vjolenza domestika fil-liġijiet b'mod konformi mal-Konvenzjoni, tiżgura l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-istrateġija nazzjonali, u talloka biżżejjed riżorsi lill-korp jew lill-korpi kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni indipendenti tal-politiki u l-miżuri li jindirizzaw il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikoli 3 u 7 tal-Konvenzjoni); tiżgura riżorsi finanzjarji xierqa u sostenibbli għal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u tiggarantixxi finanzjament sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tan-nisa li jipprovdu appoġġ speċjalizzat għall-vittmi (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tiżgura li d-data li tinġabar tkun diżaggregata u tarmonizza l-ġbir ta' data (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tiżgura miżuri preventivi regolari biex teqred l-istereotipi tal-ġeneru tippromwovi kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jindirizzaw il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluża d-dimensjoni diġitali tagħhom immirata lejn is-soċjetà kollha kemm hi (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); tiżgura l-għoti ta' taħriġ sistematiku inizjali u fis-servizz lill-professjonisti rilevanti kollha (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tespandi u tagħti riżorsi adegwati għall-programmi ta' awturi ta' vjolenza domestika u tadotta standards komuni (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); ittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-appoġġ finanzjarju, l-akkomodazzjoni u l-impjiegi, u tiżgura eżamijiet forensiċi mingħajr ħlas (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); iżżid l-għadd ta' postijiet ta' kenn għall-vittmi kollha biex tiżgura akkomodazzjoni sikura għall-vittmi kollha, fosthom il-vittmi ta' diskriminazzjoni intersezzjonali (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); tiżgura ċentri ta' riferiment għall-kriżijiet tal-istupru jew għall-vjolenza sesswali madwar il-pajjiż, disponibbli indipendentement mir-rieda tal-vittma li tirrapporta r-reat (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni);

tinkoraġġixxi r-rappurtar tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, tqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex tiżgura risponsi sensittivi għall-ġeneru, issaħħaħ il-ġbir tal-evidenza u tieħu miżuri biex tiżgura li l-każijiet jiġu indirizzati b'mod effiċjenti (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tiżgura taħriġ u gwida għall-uffiċjali tal-pulizija dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju u tinvolvi lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fil-valutazzjoni (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); ittejjeb il-monitoraġġ u l-konformità mal-miżuri protettivi ta' emerġenza u estiżi, inkluż permezz ta' monitoraġġ elettroniku; tiġi żgurata l-konsistenza fil-proċess u t-tfal jiġu inklużi b'mod sistematiku kemm fil-miżuri protettivi ta' emerġenza kif ukoll fl-ordnijiet ta' protezzjoni fit-tul (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni); u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri kollha ta' protezzjoni tal-vittmi matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti ġudizzjarji u tissalvagwardja lill-vittmi mill-intimidazzjoni, ir-ritaljazzjoni u r-rivittimizzazzjoni billi tiddefendi d-dritt tagħhom li jiġu infurmati kif xieraq meta jinħarġu ordnijiet jew meta l-awturi tar-reati jinħelsu jew jaħarbu (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ma jqajmu ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(16) Fir-rigward tal-Polonja, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludi l-ħtieġa li: tiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jiġu implimentati mingħajr diskriminazzjoni u tindirizza l-forom multipli ta' diskriminazzjoni li ċerti gruppi ta' vittmi jiffaċċjaw meta jaċċessaw il-protezzjoni u l-appoġġ (l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni); tiżviluppa politiki komprensivi u kkoordinati għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni interistituzzjonali bejn l-awtoritajiet biex taċċerta l-aċċess tal-vittmi għal mekkaniżmi ta' appoġġ u protezzjoni (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); iżżid ir-riżorsi finanzjarji għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, tagħti finanzjament għall-NGOs, u tiżgura l-parteċipazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki rilevanti kollha (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); talloka r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa lill-korp ta' koordinazzjoni għall-Konvenzjoni u tiżgura l-involviment tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikoli 9 u 10 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-ġbir ta' data diżaggregata u tarmonizza l-ġbir tad-data bejn is-servizzi rilevanti (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tiżgura li jkunu jistgħu jinħarġu ordnijiet ta' inibizzjoni, trażżin u protezzjoni ta' emerġenza għall-forom kollha ta' vjolenza skont il-Konvenzjoni u tiżgura sanzjonijiet f'każijiet ta' ksur (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni); u tiżgura aċċess rapidu għall-proċeduri tal-ażil għan-nisa li jfittxu l-ażil, tiżgura proċeduri sensittivi għall-ġeneru u jiġi rrispettat il-prinċipju ta' non-refoulement (l-Artikoli 60 u 61 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi tal-konklużjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulment, u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

PUBLIC

(17) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(18) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fid-19-il laqgħa tiegħu, għandha tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-atti li ġejjin:

(1) ir-Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mir-Renju Unit, li tinsab fid-dokument IC-CP(2025)22prov;

(2) ir-Rakkomandazzjonijiet lil Andorra biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)23prov;

(3) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Belġju biex jibni l-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)24revprov;

(4) ir-Rakkomandazzjonijiet lil Franza biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)25prov;

(5) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Italja biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)26prov;

PUBLIC

(6) ir-Rakkomandazzjonijiet lin-Netherlands biex jibnu l-fiduċja billi jagħtu appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)27prov;

(7) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Portugall biex jibni l-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)28prov;

(8) ir-Rakkomandazzjonijiet lis-Serbja biex tibni l-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)29prov; kif ukoll

(9) il-Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Polonja adottati mill-Kumitat tal-Partijiet, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)30prov.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC